MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 315/2000/1

Avviz Nru:- 315/00DM

Hubert Mugliette ghan-nom tas-socjeta' estera Offshore Manning Services Limited
Vs

Lawrence Pace

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm963.128 rapprezentanti rifuzjoni ta' drittijiet u spejjes inkorsi mill-atturi a beneficcju tieghu li saru dovuti stante li hu naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu skond ma kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra legali datata 16 ta' Novembru 1999 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Pace fejn eccepixxa illi:

1 Il-konvenut kien intrabat ma l-attur tramite skrittura privata mghamula fis-7 ta' Settembru 1999 fejn hu ddikjara ruhu lest li jahdem bhala roughneck mad-ditta OMS Offshore Manning Services (Cyprus) Ltd;
2 Peress li l-iskrittura privata tibda b'intestatura ta' 'Terms And Conditions of Employment', dan id-dokument ghandu jigi interpretat skond l-Artikolu 1002 tal-Kap 16;
3 Ghaldaqstant ghandu jigi trattat bhala kuntratt ta' impieg u konsegwentement regolat mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta;
4 L-iskrittura privata ma aderitx ruhha mar-rekwizit stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-Kap 135 u konsegwentement ma l-Artikolu 31 (1) tal-Kap 135;
5 Fl-aghar ipotesi l-kuntratt ta' impieg ma ssodisfax ir-rekwizit tal-Kap 135 fir-rigward ta' terminu ta' impieg u ghaldaqstant ghandu jigi applikat l-Artikolu 38 tal-Kap 135;
5a Fil-mertu u bla pregudizzju, l-ammont pretiz mhux korrett;
6 Konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma lkoll ibbazati fuq il-pretenzjoni tieghu illi l-kuntratt li kien ghamel mal-kumpanija attrici ghandhu jigi interpretat bhala kuntratt ta' mpieg kif ikkontemplat mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk ghandhom japplikaw, rigward ir-

relazzjonijiet tieghu mall-kumpanija attrici, l-Artikolu kollha rilevanti tal-istess att li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg.

F'dan il-kuntest il-konvenut, ghamel riferenza ghall-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili illi jipprovdi illi meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandhu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni.

Ghalhekk, a bazi ta' dan l-artikolu, il-konvenut qieghed isostni illi, billi l-kuntratt esibit a fol 11 (tal-process), illi huwa l-kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, huwa intitolat 'Terms and Conditions of Employment', minghajr ebda indagni ulterjuri il-kuntratt ghandhu jigi meqjus bhala kuntratt li jirregola l-kundizzjonijiet ta' mpieg kif prospettat u rregolat mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda billi il-kelma 'employment' bl-ingliz tista' tinghata diversi sinifikati u wiehed ghalhekk ikun irid jara s-sinifikat ezatt taghha fit-termini tal-kuntratt miftiehem bejn il-kontendenti, ma jistghax jigi determinat a priori, minghajr ezami tal-kondizzjonijiet partikolari mifthema bejn il-kontendenti, illi l-employment imsemmi fl-intestatura tal-kuntratt huwa employment fis-sens previst mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta.

Infatti m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi l-kuntratt ma jipprovdix ghal servizzi li kellhom jinghataw mill-kuntrattur lill-principal, izda jipprovdi ghal obbligu li l-principal jikkompensa lill-kuntrattur ghax-xogholijiet illi l-kuntrattur kellu jezegwixxi fl-interessi ta' terzi huma minn huma.

Il-partijiet jaqblu wkoll illi l-kuntrattur kellu almenu jahdem hames (5) fasijiet ta' impieg, imsemmijin bhala 'assignments', li, ghalkemm ma giex ipprovdut f'kull fasi f'liema data kellha tibda, gie sotto intiz, ghax ma giex ikkontestat dak li xehed Hubert Mugliette rapprezentant tal-kumpanija attrici, illi kull 'assignment' kellha tkun ta 21 (wiehed u ghoxrin) gurnata lavorativa w il-kumpens taghhom kellu jkun bil wiehed u tletin lira (Lm31) ghal kull

gurnata. Lanqas ma gie stabbilit xi terminu matul liema dawn il-hames (5) assignments jew hames (5) kuntratti separati, kellhom jigu esegwiti.

Inoltre billi s-servizzi li kellu jipprovdi l-kuntrattur kellhom jigu pprovduti fl-esteru u specifikatament kellhom ikunu servizzi ta' 'roughneck' fuq 'rigs' ghat-thaffir taz-zejt, definitivament l-impieg kontemplat ma kienx wiehed previst mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhumiex applikabbli l-provedimenti tal-istess Att li jirreferu ghall-kundizzjonijiet partikolari ta impieg li jirrigwardaw probation, il-leave, n-notice u provediment ohra, billi kull servizz jew 'assignment' specifiku kellu jkun biss ghal zmien 21 (wiehed u ghoxrin) gurnata imhallas b'somma fissa ta LM651.

Ghaldaqstant jirrizulta illi il-kuntratt bejn il-kontendenti huwa kuntratt *sui generis* illi ma jistghax jigi b'ebda mod ikkunsidrat bhala kuntratt li jirregola l-kundizzjonijiet ta' impieg kif previsti mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-kundizzjonijiet u l-provvedimenti ta' dan l-istess Kapitolu mhumiex applikabbli.

Fil-mertu, ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut kien ircieva l-istharrig u tghalim kif previst fil-kuntratt relattiv u lanqas ma hemm kontestazzjoni illi l-ispejjez involuti f'dan kienu jammontaw ghas-somma ta' LM1,203.91 (elf u mitejn u tlett liri Maltin u wiehed u disghin centezmi) kif indikati mill-kumpanija attrici fil-prospett ipprezentat minnhom a fol 2 tal-process.

Ghalhekk b'applikazzjoni tal-klawsola 4 (b) tal-kuntratt dokument HM1 (a fol 11 tal-process) u billi jirrizulta illi l-konvenut ghamel biss l-ewwel wahda mill-'assignments' lilhu fdati u wara liema kien abbanduna l-impieg, l-atturi huma intitolati li jircievu minn ghandhu, bhala kumpens ghad-danni minnhom sofferti, 80% (tmenin fil-mija) tas-somma ta' LM1,203.91 (elf u mitejn u tlett liri Maltin u wiehed u disghin centezmi) ekwivalenti ghalhekk ghas-somma mitluba ta' Lm963.12,8 (disa' mija u tlieta u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu u tmien millezmi).

Minn-naha tieghu, il-konvenut, anke ghar-rigward ghat-talba attrici fil-mertu, ikkontenda illi huwa kellu raguni tajba biex jabbanduna l-kuntratt, izda mill-provi konsistenti esklussivament fid-deposizzjoni tieghu, li mhix sorretta minn xi cirkostanza ohra, lanqas mill-kuntratt stess li jipprovdi li s-servizz li kellu jaghti kellu jkun ta' roughneck imma lanqas ma kien limitat ghal daqshekk, mhumiex sufficjenti biex iwasslu ghall-konkluzzjoni illi kellu xi raguni sufficjenti li bih kien awtorrizzatlli jittermina arbitrarjament il-kuntratt minnhu ffirmat.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-kuntratt bejn il-kontendenti ma jirrigwardax impieg kif ipprospettat mill-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk ghandhu jigi meqjus bhala kuntratt *sui generis* li ghandhu jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qedgha tilqa t-talba attrici u, ghar-ragunijiet premessi fl-avviz, qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm963 .12 ,8 (disa' mija u tlieta u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu u tmien millezmi) bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Marzu 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------